# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Anne Scicluna

Illum 20 ta’ Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Anne Scicluna bint Emmanuel u Catherine nee Spagnol imwieled fil-11/10/1963 u joqghod 143, Tinkerbell, Triq il-Falkunier, Zejtun ID 548363M.

Billi int akkuzat talli fil-16 ta’ Marzu, 2023 ghall-habta ta’ 17.45 hrs f’Triq il-Misrah il-Knisja, Birzebbugia u f’dawn il-gzejjer soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni LCT898;

1. U altar talli b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta’ Maria Rosaria Attard minghajr il-konsegwenzi

msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Hannah Xuereb MD mill-MDH, Kap. 9 Art. 226(1)(b).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art. 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 226(1) (b) Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazelet li ma tixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**T-tabiba Hannah Xuereb u PS 2181 S Borg** xehdu permezz ta' affidavit

**Maria Rosaria Attard, xehdet hekk**

Pros: Sinjura inti kellek xi incident?

Xhud: Iva.

Pros: Imma aħna ma konniex hemm pjega l-Qorti meta fejn u kif?

Xhud: Birżebbuġa fuq zebra cross faċċata tal-knisja 16th March 2023.

Pros: Mela inti kont qed tgħidilna li kont qiegħda fuq iz-zebra cross?

Xhud: Iva.

Pros: Minn fejn għal fejn kont sejra?

Xhud: Sejra d-dar u miz-zebra cross kont ħa naqsam sejra d-dar. Waqfet karozza rajt li mhu ġej xejn u qsamt dak il-ħin ma nafx x'ġara imbagħad naf li ħadt id-daqqa u daqshekk.

Qorti: Ma tafx min laqtek sinjura?

Xhud: Naf min laqatni, Anna.

Pros: Tista turijielna hawnekk?

Xhud: Hememkk.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat, issa meta tghid li laqtitek minn fejn kienet gejja biex laqtitek ghedt li kien hemm karozza wieqfa mbagħad kif intlaqatt allura?

Xhud: Qabzet il-karozza qabżet il-karozza li kienet wieqfa u sabet lili.

Pros: Kemm kien fadallek biex tasal għan-naħa l-oħra tat-triq meta kont qed taqsam?

Xhud: Naħseb lanqas tliet minuti għax noqgħod faċċata tal-knisja.

Qorti: Inti kont kwazi wasalt l-oħra jew fin-nofs kif?

Xhud: Le le kont fit-tarf taż-żebra cross ħa naqsam u fil-bidu iz-zebra cross kien hemm il x'jisimha u waqaft fit-tarf u ħarist jiġifieri u rajt li mhux ġejjin karozzi u qsamt u.

Qorti: Kemm kont ilek kemm ghamilt miz-zebra cross meta laqtuk?

Xhud: Ma nafx m`ghandix idea jiena dak il-hin, ma nafx x`gara jiena dak il-hin.

Pros: Konsegwenza ta dan l-incident x`garalek sinjura?

Xhud: Kelli fracture fil-hipbone idejja l-ispalla maqluha/

Pros: Kemm domt biex fieqt?

Xhud: Ifhimni domt 9 gimghat gol-wheelchair.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Mela ejja nibdew bicca bicca ngħid sew illi s-sinjura waqqfet hi biex itik l-għajnuna?

Xhud: Iva.

Avu: Ngħid sew illi kienet hi li cemplet ghall ambulanza?

Xhud: Tgħidlix ma nafx min ċempel għax ħarġu ħafna nies dak il-hin.

Avu: Nghid sew li li taf illi hija nurse u ġiet indewwiek ngħid sew illi anke wara l-inċident ġiet tarak?

Xhud: Iva.

Avu: ajjeb mela ejja mmorru għall-inċident issa inti għedtilna waqfet karozza blu?

Xhud: Le ma semmejtx kuluri waqfet karozza.

Avu: Fl-affidavit, waqfet karozza waqfet fil-ġenb tat-triq ngħid sew?

Xhud: Eħe.

Avu: Jiġifieri l-karozzi l-oħrajn li kienu ġejjin ma joħorġux minn warajha, imma jibqgħu għaddejin dritt naqblu hemmhekk wiesa' daqsxejn it-triq mhux daqshekk dejqa?

Xhud: Ifhimni jien għax hu waqaf bil-karozza.

Avu: U int ma rajt xejn meta rajt lilu wieqaf?

Xhud: Rajt lilu wieqaf.

Avu: Qed tgħidilna hawnhekk sinjura li harist u ma ħaristx ħa ngħidlek x qal lis-surġent illi inti għidtlu is-surġent qalilna hekk li inti għidtlu li kienet ser taqsam it-triq minn fuq zebra crossing fejn rat karozza ta' lewn blu tieqaf u hi qasmet u ma ratx il-karozza l-oħra ġejja u ma tafx x'ġara fl-ebda ħin is-surġent meta jgħid li inti għidtlu jiena ħarist u rajt l-hemm u rajt l-hawn.

Qorti: Hi qalet waqfet il-karozza, bdejt nimxi imbagħad ġiet l-oħra qabżitha u laqtitha those were the bare bones of what she said.

Avu: Jiġifieri ara hux qed ngħidlek sew sinjura li minħabba din il-vettura li kienet wieqfa inti ma rajtx il-vettura l-oħra ġejja naqblu?

Xhud: Naqbel imma xorta naħseb jiena hi setgħet tieqaf.

Avu: Id-domanda hija sempliċi sinjura, iva jew le minħabba l-vettura wieqfa ma tistax taħseb fuq x`setghet taghmel hi.

Avu: Sinjura issa jien qed nagħmillek domanda sempliċi ħafna jekk jogħġbok taħsibx suppost naħseb jiena u x' suppost nimmaġina jien għax forsi jiena nimmaġina li karozza blu kerha u inti tgħidli karozza blu sabiħa imma suġġettiva għall-aħħar. Issa d-domanda hija sempliċi ħafna ara ngħidlekx sew sinjura illi meta inti waqqfet din il-karozza l-blu minħabba din il-karozza l-blu inti ma rajtx vetturi oħra ġejjin naqblu?

Xhud: Iva.

Avu: Tajjeb xejn iktar sinjura grazzi sinjura.

**Ikkunsidrat**

Illi meta uttent ta' vettura ikun fil-vicinanzi ta' zebra crossing irid ikun vigilanti ghall-ahhar u izomm *proper lookout* rigwardanti l-uttenti taz-zebra crossing. L-imputata ma ghamlitx hekk u bhekk sehh l-incident u per konsegwenza l-imputat hi hatja ta' din l-imputazzjoni

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226(1) (b) Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Anne Scicluna hatja tal-imputazzjoni fil-konfront taghha u tikkundannha ghal multa ta' elfejn euro (2000) u sitt (6) punti fuq il-licenzji tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**